

Brussell, 5 ta' Lulju 2018
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0274 (NLE)**

10878/18
ADD 1

WTO 183
AGRI 341
UD 157
COASI 181

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2018
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2018) 517 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESS tal- Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'rabta mal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2018) 517 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2018) 517 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2018
COM(2018) 517 final

ANNEX

ANNEX

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'rabta mal-proċedimenti għas-soluzzjoni tat-tilwim DS492 tad-WTO, Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

ANNEX

FTEHIM FIL-FORMA TA' SKAMBJU TA' ITTRI

Bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fir-rigward ta' DS492: L-Unjoni Ewropea - Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam

A. Ittra mill-Unjoni Ewropea

Eċċellenza,

Għandi l-unur niktiblek biex ninfurmak dwar it-tilwima tad-WTO msemmija hawn fuq u r-riżultati tan-negozjati tagħna lejn soluzzjoni bi qbil reċiproku.

L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ dawn il-Kwoti Tariffarji (TRQ)¹:

TRQ ta' 6 060 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3929 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 6 000 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota

TRQ ta' 660 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3985 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 600 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota

TRQ *erga omnes* ta' 5 000 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3219, b'rata ta' dazju ta' 8 % fi ħdan il-kwota

L-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim. Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika. L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ it-TRQs imsemmija hawn fuq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Wara l-ftuħ tat-TRQs, l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw dan il-ftehim lill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (DSB - Dispute Settlement Body) bħala soluzzjoni bi qbil reċiproku skont l-Artikolu 3.6 tad-DSU f'rabta ma' DS492 Unjoni Ewropea – Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam. Abbażi ta' dan, iċ-Ċina tikkonferma li, fir-rigward ta' DS492, la se titlob il-bidu tal-proċeduri skont l-Artikolu 21.5 tad-DSU u lanqas ma se titlob is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew obbligi oħra skont l-Artikolu 22.6 tad-DSU, sakemm l-Unjoni Ewropea tkun konformi mal-obbligi kollha tagħha skont dan il-ftehim.

Napprezza jekk tikkonferma li l-Gvern tiegħek jaqbel ma' dan ta' hawn fuq.

Għandi l-unur nipproponi li, jekk dan ta' hawn fuq huwa aċċettabbli għall-Gvern tiegħek, din l-ittra u l-konferma tiegħek flimkien jikkostitwixxu Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

¹ *L-allokazzjoni liċ-Ċina għall-ewwel żewġ TRQs hija bi qbil mat-Tajlandja.*

Dejjem tiegħek.

Cc. It-Tajlandja

F'isem l-Unjoni Ewropea

B. Ittra miċ-Ċina

Eċċellenza,

Għandi l-unur ngħarrfek li rċevejt l-ittra tiegħek bid-data tal-lum, li tgħid hekk:

“Għandi l-unur niktiblek biex ninfirmak dwar it-tilwima tad-WTO msemmija hawn fuq u r-riżultati tan-negozjati tagħna lejn soluzzjoni bi qbil reċiproku.

L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ dawn il-Kwoti Tariffarji (TRQ)²:

TRQ ta' 6 060 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3929 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 6 000 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota

TRQ ta' 660 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3985 (b'allokazzjoni speċifika għall-pajjiż ta' 600 tunnellata liċ-Ċina u 60 tunnellata għall-oħrajn kollha), b'rata ta' dazju ta' 10,9 % fi ħdan il-kwota

TRQ *erga omnes* ta' 5 000 tunnellata għal-linja tariffarja 1602.3219, b'rata ta' dazju ta' 8 % fi ħdan il-kwota

L-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw lil xulxin meta jkunu tlestew il-proċeduri interni tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim. Il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ fi żmien 14-il jum wara d-data tal-wasla tal-aħħar notifika. L-Unjoni Ewropea għandha tiftaħ it-TRQs imsemmija hawn fuq mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

Wara l-ftuħ tat-TRQs, l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċina għandhom jinnotifikaw dan il-ftehim li l-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim (DSB - Dispute Settlement Body) bħala soluzzjoni bi qbil reċiproku skont l-Artikolu 3.6 tad-DSU f'rabta ma' DS492: L-Unjoni Ewropea – Miżuri li jaffettwaw il-Konċessjonijiet Tariffarji għal Ċerti Prodotti tal-Laħam tal-Pollam. Abbażi ta' dan, iċ-Ċina tikkonferma li, fir-rigward ta' DS492, la se titlob il-bidu tal-proċeduri skont l-Artikolu 21.5 tad-DSU u lanqas ma se titlob is-sospensjoni tal-konċessjonijiet jew obbligi oħra skont l-Artikolu 22.6 tad-DSU, sakemm l-Unjoni Ewropea tkun konformi mal-obbligi kollha tagħha skont dan il-ftehim.”

B'dan għandi l-unur nesprimi l-qbil tal-Gvern tiegħi ma' din l-ittra.

F'isem ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

² L-allokazzjoni liċ-Ċina għall-ewwel żewġ TRQs hija bi qbil mat-Tajlandja.